**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 26 ta' Mejju 2021**

**Talba Nru: 35/21 CZ**

**Citadel Insurance (C- 21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Clint Camilleri, bil-polza u bil-Ligi, u l-istess Clint Camilleri**
**vs.**

**Gilbert Grech**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attrici mressqa fl-4 ta' Frar 2021 li biha talbet:

1. Dikjarazzjoni li l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident li sehh fis-6 ta' Mejju 2019 fi Pjazza San Luqa, Pieta', meta waqt li l-konvenut kien qieghed ihaddem gaffa, waqa' materjal fuq il-vettura tal-attur Clint Camilleri, assigurata mas-socjeta' attrici Citadel Insurance plc, bin-numru ta' registrazzjoni CLT-810, liema vettura sofriet danni in konsegwenza tal-istess incident, u ghal liema danni ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici, u li dwarha l-attur inkorra spejjez bhala excess;
2. Konsegwentement, li l-istess konvenut jigi kkundannat ihallas id-danni sofferti mill-atturi, li jammontaw ghal Euro 1,848.77, konsistenti f'Euro 175 rapprezentanti excess imhallsa mill-attur Clint Camilleri, Euro 1673.77 imhallsa mis-socjeta' attrici;
3. Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali Nru 416/20 intavolata fit-28 ta' Frar 2020, u l-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2021.

Sema' x-xiehda ta' l-**<u>Avukat Jonathan Gatt</u>**, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Sema' wkoll ix-xiehda ta' **<u>Natalino Agius</u>**, surveyor mahtur mis-socjeta' attrici, li prezenta tmin (8) ritratti tal-vettura danneggjata, u spjega l-hsara, partikolarment fuq is-saqaf tal-istess.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi t-Tribunal ikkonsidra illi din il-kawza saret minhabba li l-attur Clint Camilleri sofra dannu fil-karozza tieghu, konsegwenza tal-fatt illi allegatament il-konvenut waqqa' fuq il-vettura tal-attur oggett iebes konsistenti fil-bozza tal-arblu tad-dawl, liema arblu kien vicin il-gaffa li kien qed jopera l-konvenut. Mir-rapport tal-Pulizija, ma jidhirx li l-konvenut cahad illi kienet din il-parti tal-arblu li waqghet fuq il-karozza tal-attur, izda qal li ma jafx jekk waqghetx minhabba li habat gol-arblu bil-gaffa, jew minhabba r-rih.

Illi f'dawn il-proceduri izda l-konvenut baqa' ma deherx, u l-verzjoni tal-atturi ma giet kontradetta bl-ebda mod. It-Tribunal fehem illi l-hsara kienet verament sehhet, u dan skond ir-ritratti li esebixxa x-xhud Natalino Agius. Il-konvenut ma ressaq l-ebda difiza sabiex jiskolpa ruhu mir-responsabbilta' ghall-akkadut, u l-attur Clint Camilleri ma indika li kien hemm hadd iktar prezenti fuq is-sit fejn saret il-hsara hlief il-konvenut bil-gaffa tieghu. It-Tribunal ghalhekk ghandu ghalxiex jemmen li dak li stqarr l-attur ghandu mis-sewwa.

Illi l-atturi talbu l-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali numru 416/20, izda din l-ittra ufficcjali u r-riferta relattiva ma gewx esebiti u ghalhekk it-Tribunal ma setax jivverifika meta giet effettivament notifikata. Ghall-fini ta' imghax, ghalhekk, it-Tribunal ha jordna li dan jibda ghaddej mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elf, tmin mija u tmienja w erbghin Euro u sebgha w sebghin centezmu (€1,848.77), bl-

imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet tal-kawza odjerna ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Susanna Fenech

Deputat Registratur